MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2008

Numru 3/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Brooks Lia**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 3 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat , li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-uniku Kap illi minn qabel it-tnejn ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) omissis kienet taf lil Brooks Lia.  Kienet saret tafu aktar mill-vicin f'inkontru li hija kellha mieghu f'Bar fl-inhawi ta' San Gwann.

Omissis kienet hekk saret taf lil Brooks Lia minhabba li xi hbieb taghha kienu qalulha li dana seta jakkwistalha d-droga sabiex hija tikkunsmaha w tabbuza minnha.

Difatti, fl-inkontru hawn fuq imsemmi, hija kienet staqsietu jekk setax jakkwistalha xi pakkett herojina peress li f'dak

il-perjodu hija kienet ghaddejja minn perjodu ta' depressjoni. Brooks Lia kien qallha li kien sejjer jara kif jaghmel u ta n-numru telefoniku tieghu sabiex wara xi jiem hija tikkuntattjah fuqu.

Fil-fatt hekk gara, ghaliex nhar it-2 ta' Novembru, 2001, omissis ikkuntattjat lil Brooks Lia fejn ftehmu li jiltaqghu hdejn il-Knisja ta' Haz-Zebbug, Malta. Huma t-tnejn iltaqghu w omissis dahlet fil-karozza ta' Brooks Lia, Audi ta' kulur metallic gold. Huwa qallha li kien ser jixtri d-droga, w, ghalhekk, marru hdejn l-Isptar San Luqa w hemmhekk omissis taghtu ghoxrin Lira Maltin ghal dan l-iskop. Bihom Brooks Lia xtara zewg pakketti herojina. Mbaghad, waqfu hdejn spizerija fejn Brooks Lia xtara xi siringi.

Minn hemm, marru fir-residenza ta' Brooks Lia, San Gwann, fejn kien hemm ukoll oht Brooks Lia, Gina D'Amato. Hemmhekk, fil-kcina tal-imsemmija residenza, Brooks Lia sajjar l-herojina, mela siringa biha w taha lil omissis. Dina, minn-naha taghha, njettatha fil-vina ta' idejha. Ftit tal-hin wara, omissis stordiet u intliet fawra shana enormi.

Kienu ormai saru l-hdax jew il-hdax u nofs ta' filghodu. Kif Brooks Lia w omissis ippuntaw sabiex imorru l-hemm bil-karozza tieghu, omissis waqghet gharkubtejha appena giet biex tidhol mill-bieba tal-passiggier ta' quddiem. Brooks Lia ghabbieha fuq is-seat tal-istess naha, mitlufa kompletament minn sensieha. Huwa saq ghal hdejn il-Vibes, vicin ir-Razzett l-Abjad, limiti ta' San Gwann bil-ghan li jsib xi post jew rokna fejn seta jixhetha w jitlaqha mal-art minghajr ma jarah hadd. Fil-fatt hekk ghamel, u telaqha taht hajt tas-sejjiegh fil-vicin. Brooks Lia, ghalkemm seta ma kellu ebda intenzjoni specifika pozittiva diretta li joqtol lil omissis, b'danakollu, b'dak li volontarjament ghamel, meta kien jaf ben tajjeb f'liema stat ta' periklu ghal hajjitha kienet tinstab omissis, kien jaf u seta' ragonevolment jipprevedi li kien qieghed ipoggi l-hajja taghha f'periklu car (intenzjoni specifika posittiva ndiretta).

Fortunatament, inzerta li hin wara kien ghaddej mill-vicinanzi certu Alfred Camilleri li lemah lil omissis stenduta mal-art u cempel minnufih ghal ambulanza. omissis giet minnufih rikoverata l-Isptar kwazi fil-punt tal-mewt, u hajjitha giet salvata biss minhabba interventi medici u kirurgici tempestivi da parti tal-istaff mediku tal-Isptar.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi Brooks Lia sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Genetali, fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Brooks Lia hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn sitt snin sa ghoxrin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211, 23, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b'sebgha (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat hati skond l-uniku kap tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Brooks Lia, hati talli fit- 2 ta' Novembru, 2001, ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu gewwa San Gwann, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil omissis jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-

esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni w id-difiza dwar il-piena li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss, is-segwenti.

L-abbli difensur Dr. Anglu Farrugia ssottometta li :-

1. il-verdett ma kienx wiehed unanimu;
2. li l-kawza nqatghet seba' snin wara li sar il-kaz;
3. li l-vittma ikkontribwit b'mod qawwi ghal dak li gralha;
4. li wiehed irid iqis it-temperament tal-hati meta sar il-kaz peress li anke hu kien ha d-droga;
5. li llum il-hati qed jahdem u ghamel program ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga;
6. li l-vittma wara dan l-incident regghet ghamlet l-istess haga;

L-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara invece ssottometta li :-

1. hawn si trattava ta' zewg persuni li kienu qed jaghmlu reat flimkien u cioe' l-ikkunsmar tad-droga erojina u li wiehed kien qed jikkontribwixxi b'mod u l-ohra b'mod iehor;
2. meta l-vittma hassa hazin, minflok rebah l-altruizzmu fil-hati pprevalixxa l-egoizmu w minflok hadha l-isptar mill-ewwel, remiha kif ghamel b'mod illi baqghet hemm ghal hin twil u meta nstabet kienet sekondi l-boghod mill-mewt;
3. li l-hati baqa' jara l-interessi tieghu sa l-ahhar u ghalkemm seta' informa lill-Pulizija mall-ewwel b'dak li kien gara' appena marru ghandu, baqa' jittratieni sa tard filghaxija w wara li omissis giet salvata biex ammetta l-

involviment tieghu, minkejja li kien ben sapevoli tal-perikolu kollu li kienet tinsab fih;

4. illi mbaghad mill-fedina penali aggornata tal-hati jirrizulta li dan ma tghallem xejn mill-opportunitajiet li nghatawlu mill-Qrati w baqa' jikkommetti reat fuq iehor bejn il-1991 u sahsansitra wara dan l-incident sat-2006. Forsi ghalhekk umbaghad wiehed jifhem ghaliex f'dan il-kaz il-hati kien daqshekk egoista fl-agir tieghu;

5. ghalhekk f'dan il-kaz kien importanti li jkun hemm linja gwida mill-Qorti Kriminali li taghti messagg car, b'piena adegwata, li turi li akkost li min ikun involut ikun jista' jigi f'certu inkwiet minhabba li hu jkun involut f'tehid tad-droga, jkun jaqbillu li jkun altruwista mill-ewwel biex jevita l-perikolu aktar serju tal-mewt ta' min ikollu mieghu w jaghmel minn kollox biex jipprotegi l-hajja ta' dik il-persuna.

Qieset li dak li jirrisponda Dr. Farrugia w cioe' li jista' jaghti l-kaz li l-messagg li taghti l-Qorti b'dan il-mod li qed jissuggerixxi l-prosekutur, ikun wiehed li jipproduci effetti differenti.

Ikkonsidrat

Illi huwa minnu li f'dan il-kaz kien hemm partecipazzjoni attiva tal-vittma fit-tehid tad-droga dak inhar u li dan wassal biex hi giet fi stat ta' kollass u dipendenza fuq il-hati. Pero', appena avverra ruhu dan il-fatt, inholqot u giet kreata sitwazzjoni fejn il-hati, li minn kliemu stess kien jaf xi jfisser dan l-istat ta' kollass u x'perikolu kien jimporta, gie responsabbilizzat biex jaghmel dak kollu possibbli halli jsalva l-hajja tal-vittma li kellu mieghu peress illi dina kienet kompleatment dipendenti fuqu dak il-hin u kienet f'post li kien taht il-kontroll tieghu kemm fid-dar tar-residenza tieghu kif ukoll meta dahhalha fil-karrozza tieghu w kien hu biss li seta' jipprokuralaha l-assistenza medika tempestiva li hu risaput li tezisti u li ssalvalha hajjitha. Minflok ghamel dan, tefghaha go "car park" privat li jintuza biss f'okkazzjonijiet specjali meta jkun hemm xi funzjoni gor-Razzett l-Abjad u li fih dak il-hin la kien hemm karrozzi w lanqas nies. Inoltre poggiha f'post ferm il-gewwa go dan il-"car park" kif irrizulta waqt l-

access fejn kienet pratikament invizzibbli ghal minn jghaddi mit-triq quddiem il-fetha tal-“car park” bil-mixi w, aktar u aktar, difficilment vizibbli ghal minn jghaddi jsuq vettura b’mod li ftit li xejn kienu ic-“chances” li jarha xi hadd.

Illi hu preokkupanti ukoll li mill-fedina penali tal-hati jirrizulta li hu nstab hati mill-Qrati mhux inqas minn dsatax il-darba ghall-reati kommessi mill-1990 sa l-2006, fejn huwa apparti li nghata pieni pekunjarji w tpogga taht probation diversi drabi, gie sentenzjat ghal piena ta’ prigunerija hames darbiet. Li hu terga aktar preokkupanti hu li ghaxra minn dawn ir-reati gew addirittura kommessi mit-2001 ‘l hawn u cioe’ wara l-incident mertu ta’ din il-kawza li dwaru hu kien jaf li qed jiffaccja proceduri ghal tentattiv ta’ omicidju. Dan il-fatt jimmilita’ serjament kontra konsiderazzjonijiet ta’ piena ljevi ghax juri li lanqas incident trawmatiku bhal dan ma serva biex jiskossja il-kuxjenza tal-hati w twasslu biex ibiddel hajtu.

Ghaldaqstant, wara li qieset dan kollu, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 211, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati Brooks Lia ghall-piena ta’ tlettax (13) il-sena prigunerija, b’dana li minn dan il-periodu jrid jinqata’ kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll li jhallas is-somma ta’ elf u tmienja w tlettin Ewro u erba’ w tlettin (€ 1038.34), import tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process tal-hati a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f’ terminu ta’ prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------